**Nomina ta' Carmelo Saliba bħala**
**Ambaxxatur ta' Malta għall-Libja**

Pubblikazzjoni tal-mistoqsijiet u t-tweġibiet *ai termini* tal-Artikolu 48B(2) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika.

## *Mistoqsijiet sottomessi mill-Membri tal-Gvern*

**1. X'taħseb li huma l-isfidi li għandu quddiemu l-Libja? Hemm lok li fil-ġejjieni qarib naraw stabbilità f'dan il-pajjiż?**

Il-waqgħa tal-mexxej Muammar Gaddafi fl-2011 wasslet għal instabbiltà u pajjiż mingħajr awtorità u bla kontroll. Is-sitwazzjoni kompliet iggravat wara l-2014. Illum, fost il-mexxejja ewlenin, hemm il-Prim Ministru Fayez Sarraj, kap tal-gvern rikonoxxut internazzjonalment fi Tripli, Khalifa Haftar; mexxej tal-Armata Nazzjonali Libjana, li tikkontrolla ħafna mill-Libja tal-Lvant; Aghela Saleh, kelliem tal-Kamra tad-Deputati bbażata fil-belt tal-lvant ta' Tobruk; u Khaled Mishri, il-kap elett tal-Kunsill tal-Istat Għoli.

Il-milizja estremista tal-Istat Iżlamiku ħadet vantaġġ mill-kunflitt u kisbet kontroll ta' bosta bliet kostali, sa nofs 2017 l-IS kellu il-kontroll ta' Sirte, u bħalissa hemm il-konflitti ġewwa Derna.
L-isfidi li għandu il pajjiż huma ħafna. Fost l-aktar importanti insibu:

- Instabilita Politika
- Distribuzjoni taż-żejt
- Ħakma għall-poter mil-Milizja
- L-Istat Islamiku (ISIS)
- Haftar u l-armata Nazzjonali
- Likwidità
- Kriminalità
- Riskju għall-ambjent
- Kuntrabandu
- Immigranti illegali

Bħalissa qegħdin issiru preparamenti biex għall-aħħar tas-sena jinżammu elezzjoijiet ġenerali. Wieħed irrid jara x'se jirriżulta, però l-pajjiż qatt ma jista jibqa' sejjer hekk. Però huwa fl-interess tal-Ewropa li ma tħalliex lil dan il-pajjiż jikkrolla għax ikun ta' theddida għal Ewropa kollha. Huwa f'interess ta' kulħadd li dan il-pajjiż issib stabbilizzazzjoni mill-aktar fis possibli.

**2. Kif tara li x-xogħol tiegħek jista' jwassal sabiex jerġgħu jiġu rrestawrati r-rabtiet ekonomiċi u kummerċjali u politiċi bejn iż-żewġ pajjiżi rispettivament?**

Iva, ir-rabtiet ta' Malta mal-Libja m'għadhomx kif kienu qabel ir-revoluzzjoni, speċjalment wara l-2014 'l hawn. Ir-relazzjoni li kellna mal-Libja bdiet tiġi ddeterjorata u s-sentiment tal-poplu in ġenerali huwa kontra Malta. Però jien nemmen ukoll li għad hemm opportunitajiet li jistgħu jiftħu relazzjonijiet ġodda, u anke aħjar, ma' dan il-pajjiż.

Il-Libja minn dejjem kien pajjiż ta' sfida għal dawk kollha li jiddeċiedu li jagħmlu negozju f'dan il-pajjiż, qatt ma kien faċli biex wieħed jikseb suċċess u għaldaqstant ma nistgħux nibqgħu lura u nħallu pajjiżi oħra jieħdu vantaġġ min-nuqqas tagħna. Jekk xi ħadd jaħseb li jista joqgħod jistenna u jinvesti fil-Libja meta kollox ikun jidher li hu stabli, waqt li kompetituri oħrajn ikunu diġà qed joperaw, iċ-ċans li jirnexxi huwa minimu.

Qiegħed nassumi li qed tirreferi għalija fir-rwol ta' Ambaxxatur. Jien qatt ma kont involut fix-xena politika, però nifhem li waħda mir-raġunijiet li r-relazzjonijiet tagħna mal-Libja ddeterjorat hija għaliex għandhom il-perċezzjoni li Malta abbandunathom. Mhux l-ewwel darba li jgħiduli li meta aħna kellna bżonnhom, ġrejna warajhom, iżda issa għaliex huma jeħtieġu l-għajnuna tagħna, aħna warrabnihom. Għalkemm din mhux neċessarjament il-verità, però dak huwa s-sentiment ta' ħafna mil-Libjani.

Għalhekk, il-funzjoni primarja se tkun li norganizza diversi laqgħat mal-partiti politiċi u oħrajn interresati kollha fil-Libja. Nuruhom bil-fatti li aħna qegħdin hemm biex ngħinuhom. Dawn il-laqgħat ikunu importanti biex nikseb informazzjoni korretta u reali biex b'hekk il-gvern ikun f'pożizzjoni aħjar li jieħu ċertu deċiżjonijiet fid-dawl ta' kull sitwazzjoni.
Kif diġà semmejt, il-Libja ma tistax tkompli f'din is-sitwazzjoni għal dejjem. Għalhekk, fl-opinjoni tiegħi, Malta għandha żżomm relazzjoni mill-qrib mal-pajjiżi ġirien tagħna u tipprovdi l-għajnuna kull meta jkun possibbli.

Malta għandha vantaġġ fuq pajjiżi oħra, grazzi għar-rabtiet bejn iż-żewġ pajjiżi li jmorru lura għaż-żmien tas-snin 70, u l-uniku mod biex jiġu sostnuti r-relazzjonijiet tagħna huwa li nkun preżenti magħhom fi żminijiet diffiċli. Pajjiżi oħra mill-Ewropa diġà rritornaw lejn il-Libja, issa huwa mistenni mil-Libjani li Malta tagħmel xi ħaġa u ma tibqax iktar gallarija.

Mill-aspett kummerċjali, inħoss li l-esperjenza vasta tiegħi bħala bankier u fejn għandna x'taqsam kuntatti ma' kumpaniji, kemm minn Malta, kif ukoll mil-Libja, inħoss li nista' tkun ta' benefiċċju biex nidentifika opportunitajiet, nifhem aħjar kwistjonijiet diffiċli u nkun nista' ngħin biex nipprovdi soluzzjonijiet.

Madanakollu, dan jiddependi fuq l-approċċ ta' Malta *vis-à-vis* il-Libja. Għalhekk, qabel ma xi ħadd jista' jgħid x'miżuri jistgħu jittieħdu, l-ewwel jeħtieġ li jkun hemm diskussjonijiet dwar il-linja li Malta għandha x'toffri u wara, isir pjan dwar kif se nimxu 'l quddiem ma' dan il-pajjiż.
Jekk ikolli nikkonkludi u nsemmi l-aktar tliet xewqat li fost il-poplu Libjan, naħseb inkun korrett li ngħid:

- Il-kwistjoni tal-Viża u l-Visa ta' Schengen;
- Ir-ritorn ta' titjiriet diretti bejn Malta u l-Libja;
- Il-diffikultajiet li qed isibu l-Libjani mill-banek Maltin, li mhux qed jifhmu l-problemi li jinsabu għaddejin minnhom bħalissa.

**3. Mis-CV tiegħek, inti għandek esperjenza bħala bankier, kif ukoll b'rabta mal-Libja. Kif se jgħinek f'din il-kariga tiegħek?**

Matul iż-żmien tiegħi fil-Libja, ħdimt ħafna biex nattira negozju ġdid, mhux biss għall-bank li miegħu naħdem, iżda wkoll għal Malta. Barra s-servizzi tal-bank, dejjem tajt importanza biex

nagħti l-promozzjoni fuq Malta bħala ċentru għal dawk kollha li jkunu qed jagħmlu negozju fil-Libja speċjalment kumpaniji u individwi minn pajjiżi bħall-Istati Uniti, il-Kanada u ċ-Ċina.

F'ħafna okkażjonijiet irnexxieli ninkoraġġixxi individwi biex jiġu Malta mal-familja, jikru djar u jirreġistraw lit-tfal tagħhom fl-iskejjel tagħna l-Maltin. Għalkemm bħala bank konna nibbenefikaw, madankollu dan kien ukoll ta' spinta għall-ekonomija ta' Malta. Il-kuntratt tiegħi mal-bank ġie mġedded erba' darbiet u dan juri s-suċċess tiegħi fil-Libja

Barra minn hekk, nixtieq ngħid li jien dejjem ħdimt viċin ma' kull ambaxxatur Malti fil-Libja speċjalment il-qatt minsi Dr. Joe Cassar li f'diversi okkażjonijiet kien jinkoraġġini biex nakkompanjah għall-laqgħat tiegħu. Dejjem żammejt wkoll relazzjoni mill-qrib mal-maġġoranza tal-ambaxxati barranin fil-Libja.

Inżid ukoll li l-Libja ma tistax titkejjel bħal kull pajjiż ieħor. Fil-preżent, il-fergħa tal-Malta Enterprise fil-Libja li kienet tagħmel ħafna xogħol utli għal negozjanti Maltin, hija magħluqa, u għalhekk inħoss li f'dan in-nuqqas, l-esperjenza tiegħi hija ħafna iktar importanti speċjalment sakemm il-ME terġa' tibda tiffunzjona bħal qabel.

Fl-opinjoni umli tiegħi, inħoss li pajjiż bħal-Libja, Malta għanda bżonn ambaxxattur li jkollu element b'saħħtu ta' negozju b'kuntatti t-tajbin fuq kull livell biex niffaċilitaw diffikultajiet bħal:

- Identifika opportunitajiet ta' negozju adattati għall-investituri Maltin
- Għajnuna meta jkun hemm diffikultajiet fit-trasferiment ta' fondi mil-Libja.
- Tiffaċilita l-proċess tal-pagamenti
- Irkupru ta' pagamenti pendenti
- Promozzjoni ta' Malta speċjalment mal-kumpaniji barranin

Fil-Libja dak li jidher li hu faċli jaf ikun l-aktar diffiċli u dak li hu impossibli jista' jsir reali. Kollox idur ma lil min taf u t-triq li tieħu biex tasal fejn trid.

Nifhem ukoll li l-ftuħ tal-ambaxxata teħtieġ ħafna xogħol biex isir. Se jkun hemm perjodu qabel ma tibda tiffunzjona kif suppost. Matul dan iż-żmien, waqt li nkunu preżenti fil-Libja se jkollna l-opportunità li nanalizzaw il-kwistjonijiet ta' sigurtà u politiċi tal-pajjiż.

**4. Tara li għandek xi interessi professjonali jew ta' kummerċ li jistgħu jkunu konfliġenti ma' din il-kariga tiegħek?**

Le.

**5. Kif tara li tista' tgħin lis-settur privat li investa fil-Libja jew li huwa interessat li jinvesti?**

Qabel ma xi ħadd jibda jagħmel negozju fil-Libja, l-ewwel irrid jagħmel studju fuq il-pajjiż. Hemm differenzi kbar fil-kultura, reliġjon, lingwa u liġijiet.

Barra min hekk, il-preżenża li tkun fil-pajjiż biex tagħmel negozju hija importanti ħafna. Għalhekk kull min jinżel il-Libja jrid ikun jaf eżatt għal xiex dieħel. Fil-fehma tiegħi li ġejjin huma wħud mid-diffikultajiet:

- Tagħraf il-kompetituri tiegħek
- L-Aġenti jew min jirrappreżentak
- Il-finanzi li wieħed ikunu għad-dispożizjoni
- Tiddentifika sieħeb għall-kumpanija
- Liġijiet
- Kuntatti ma’ banek Libjani
- Kiri jew xiri ta’ proprjetà kemm għall-uffiċċju kif ukoll bħala residenza

L-informazzjoni relatata fuq dak li semmejt hawn fuq mhux dejjem se ssibha fuq il-midja, jew inkella jekk issibha tkun trid tiġi verifikata għax faċli li ma tkunx korretta.

Kif semmejt diġà jekk il-Malta Enterprise (li kienet tagħmel ħafna milli semmejt iktar ’l fuq) mhux se tiftaħ fi żmien qrib, allura l-esperjenza li għandi f’dan il-qasam tiġi iktar utli. Dan huwa x-xogħol li ili nagħmel għal dawn l-aħħar 14-il sena, sa min qabel inżilt residenti fil-Libja u għalhekk inħoss li ta’ vantaġġ għal kull investitur Malti li jkun qed jagħmel jew jixtieq jiftaħ negozju ma’ dan il-pajjiż.

Fil-fatt, jien nemmen li l-ambaxxata fil-Libja trid tiftaħ aktar il-bibien għall-investituri Maltin. Il-Libja huwa pajjiż diffiċli ħafna però b’ħafna opportunitajiet kbar kważi f’kull qasam. Barra r-responsibilità diplomatika, l-ambaxxata trid tkun sors ta’ informazzjoni u taħdem viċin mal-Malta Enterprise u Trade Malta biex tattira investiment kemm minn Malta għal-Libja kif ukoll mil-Libja għall-Malta.

**6. Kif tara li tista’ tittaffa l-problema tal-migrazzjoni mill-kosta tal-Libja? Agħti proposti konkreti dwar dan.**

Il-lista ta’ dawk involuti f'dan il-kummerċ hija estensiva. Tibda min-nies fil-pajjiżi tal-oriġini li jinkoraġixxu u jsibu l-immigranti, dawk li jmexxu l-kampijiet fin-nofsinhar tal-pajjiż fil-Libja fejn huma miġbura qabel il-vjaġġ tagħhom mil-Libja nnifisha u dawk li jirċievu l-migranti u jibagħtuhom lejn il-Mediterran f’dgħajjes li huma inqas minn dawk adegwati.

Huwa maħsub li wħud min dawk involuti insibu:
- Milizzja li jagħmlu l-bosta fazzjonijiet fil-ġlieda kontinwu fil-Libja
- Merċenarji mis-Sudan u miċ-Chad
- Gwardja tal-Kosta Libjana li qed jiġu mgħammra, imħarrġa u mmexxija mill-komunità internazzjonali.

Kif wieħed jista jara s-sitwazzjoni hija organizzata u kumplessa. Xi wħud huma wkoll konxji tal-lok tal-bastimenti tas-salvataġġ. M'hemm l-ebda soluzzjoni faċli, imma inħoss li, jekk ikun hemm relazzjoni tajba bejn l-UE u l-Libja, dawn li ġejjin jistgħu jgħinu biex inaqqsu d-dħul ta’ immigranti lejn l-Ewropa.

Però l-mistoqsija hija: Xi trid l-Ewropa fil-verità? Trid issalva l-immigranti u tilqagħhom fl-Ewropa jew tagħmel minn kollox biex dawn l-immigranti ma jaslux fl-Ewropa. Jekk l-immigranti se jibqgħu jiġu salvati u jidħlu fl-Ewropa, allura l-pajjiżi kollha għandhom ikunu sfurzati jaċċettaw l-immigranti, mhux min irrid imma bil-fors.

Iżda jekk l-UE trid tnaqqas mill-immigranti li jaqsmu għal Ewropa, dan li ġej jista jgħin:

- Biex inżommu l-immigranti ma jitilqgħux mil-Libja, hemm bżonn ta' għajnuna esterna konsiderevoli fuq il-fruntieri tagħhom, b'koalizzjoni li twassal għal soluzzjoni konġunta Ewropea u Libjana, magħmula minn settur privat u pubbliku, kif ukoll esperti min organizzazzjonijiet ta' għajnuna internazzjonali.
- Il-komunità internazzjonali tista' tipprovdi t-teknoloġija kif ukoll it-taħriġ lil-pulizija u suldati lokali biex tgħin fl-indirizzar kontra il-kriminalità. It-teknoloġija tista' tikkontribwixxi għall-interċettazzjoni tal-immigranti fir-rotta tagħhom lejn l-Ewropa.
- L-appoġġ internazzjonali biex jaħdmu kontra l-kriminali wara t-traffikar. Tfittxija tal-kontijiet bankarji u l-movimenti tal-flus, l-iffriżar tal-assi. Jekk tikser ir-rabta bejn il-kriminali u l-flus li qed jagħmlu, hemm ċans li jitnaqqas dan il-moviment terribbli tan-nies.
- L-UE flimkien mal-Organizzazzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem jistgħu jaqblu li jiffinanzjaw ċentri ta' detenzjoni fil-Libja għal dawk l-immigranti li qed jitwaqqfu milli jaqsmu l-Ewropa. Jista jkun il-każ li dawn id-detenzjonijiet jiġu mmexxija minn istess organizzazzjonijiet.

**7. Jekk jogħġbok agħmel elenku [jekk huwa dejjem il-każ], tad-'directorships' li għandek attwalment, kif ukoll sħubija f'assoċjazzjonijiet varji.**

Ħaddiem Bank of Valletta
Membru fil-bord tal 'Libyan Maltese Chamber of Commerce'

**8. Tikkonferma li inti għandek biss passaport wieħed u huwa dak Malti?**

Għandi passaport Malti u ieħor supplimentari li nuzah biss għal vjarat ġewwa l-Libja

**9. Tista' ġġib kopja taċ-ċeritifkat tal-kondotta tiegħek u tesebih waqt is-smigħ li inti se jkollok quddiem il-Kumitat?**

Innotat u jkun miegħi.

## *Mistoqsijiet sottomessi mill-Membri tal-Oppożizzjoni*

**1. In vista tas-sitwazzjoni preżenti fil-Libja, x'taħseb li għandhom ikunu l-prijoritajiet tal-ħidma ta' pajjiżna?**

Irridu naħdmu biex intejbu r-relazzjoni. Ir-rwol ta' ambaxxatur huwa li żżomm ir-relazzjoni bejn iż-żewġ pajjiżi kemm jista' jkun b'saħħitha. Is-sena l-oħra, meta l-gvern kien ħabbar li hemm ħsieb fil-qrib li tinfetaħ l-ambaxxata, fetaħ speranzi ġodda fost il-poplu Libjan u anke fost kumpaniji Maltin li qegħdin jistennew bil-ħerqa li jerġgħu jkomplu x-xogħol tagħhom fil-Libja, però dawn mietu fi ftit xhur. Naħseb li l-ewwel prijoritajiet għandhom jinkludu:

- L-appoġġ tagħna biex il-Libja ssib stabilità mill-aktar fis possibli billi niltaqgħu u nisimgħu minn kull naħa tal-gvernijiet preżenti. L-isem ta' Malta irrid jissemma' pożitivament fost il-Libjani.

- Inżommu l-Maltin li kienu jew jixtiequ jagħmlu xogħol fil-Libja informati sew bl-aħħar żviluppi fil-pajjiż. Ħafna drabi il-midja tqarraq u għalhekk aħna rridu nkunu f'pożizzjoni li nagħtuhom informazzjoni mill-aktar realistika.
- Inħaffu w intejbu l-proċess tal-viża mogħti fil-preżent minn Malta.
Madankollu, qabel wieħed għandu jikkonsidra li jkollna preżenza fil-Libja jrid wieħed irid jistudja t-tħassib dwar is-sigurtà. Jekk l-ambaxxata tiftaħ:
- Kumpaniji Maltin jibdew jitħajru jinżlu fil-Libja. Il-perċezzjoni tkun li la darba l-ambaxxata fetħet, is-sitwazzjoni fil-Libja hija stabbli. Għalhekk irridu nistudjaw sew il-kwistjoni tas-sigurtà minħabba li ma jistgħux indaħlu kumpaniji li jibdew jinżlu il-Libja f'riskju mhux meħtieġ. Tkun idea tajba li wara xi żmien fil-Libja bħala ambaxxata ssir xi tip ta' konferenza biex nagħtu informazzjoni fid-dettal tas-sitwazzjoni presenti dak iż-żmien. Nifurmaw lill-kumpaniji bil-vantaġġi u l-iżvantaġġi li jagħmlu negozju fil-pajjiż f'dak iż-żmien partikolari.
- Fl-istess ħin ma nistgħux nibqgħu għall-aħħar. Diġà hemm ambaxxati li fetħu u għalhekk nħoss li Malta hemm bżonn li tkun magħhom.
- Irridu nkunu preparati biex fiż-żmien opportun, niftħu is-servizz tal-ħruġ tal-viżas għal Malta mil-Libja (dejjem jekk tiftaħ l-ambaxxata)
- Titjiriet diretti bejn Malta u l-Libja. Għalkemm nifhem li l-assigurazzjoni fil-preżent hija għolja, pero jekk issir studju, din tista tinqasam fuq il-passiġieri. Taf tkun ta' opportunità nagħmlu titjiriet diretti bejn iż-żewġ pajjiżi. Bħalissa kull min qiegħed jiġi Malta mil-Libja għandu żewġ titjiriet, jew minn Tunis jew minn Istanbul. L-unika titjijra li hemm diretta tiswa madwar €1,000.

**2. Mill-informazzjoni li għaddjetilna jidher li għamilt diġà għaxar snin residenti fil-pajjiż x'rapporti bnejt tul dan il-perjodu speċjalment wara l-gwerra ċivili tas-17 ta' Frar 2011?**

Din hija mistoqsija importanti ħafna specjalment għal pajjiż bħal-Libja u nixtieq niftaħ ftit fuqha. Mingħajr il-kuntatti, il-ħajja fil-Libja hija miżerja u bla suċċess. Il-fatt li għamilt b'suċċess iktar minn għaxar snin f'dan il-pajjiż huwa ċertifikat tal-kuntatti li kbar li kelli.

Fi żmien ir-reġim ta' Gaddafi, il-kuntatti kienu kbar. Grazzi għal pożizzjoni li kelli, iltqajt ma' Muammar Gaddafi f' 2008 ġewwa Sirte; u ma' tlieta minn uliedu, Moktasim, Seif u Mohammed f'okkażjonijiet differenti. Mohammed mhux l-ewwel darba li ġie personalment fir-residenza tiegħi.

Barra min hekk kelli kuntatti kbar tista' tgħid ma' kull ambaxxata li kien hemm ġewwa Tripli.

Wara r-revoluzjoni, inżilt lura l-Libja f'Ottubru ta' 2011. Dakinnhar għaddejt minn Ġerba u mill-ewwel bdejt naħdem biex nibni relazzjonijiet ġodda.

Mill-ewwel bdejt inħoss li kien għad hemm ħafna (u għad hemm) segwaċi ta' Gaddafi. Mhux l-ewwel darba li xi persuni ġew l-uffiċċju jgħiduli li l-Gvern Malti huwa traditur. Però nista' ngħid li l-maġġoranza, wara kont nitkellem magħhom, bdew jaċċettaw li Malta ma kelliex triq oħra ħlief, bħala membru ta' Unjoni Ewropea nsegwu dak li kien qed issir mill-Ewropa.

Jiena kont fuq l-ewwel vapur li mar il-Libja dirett min Malta u mal-wasla fil-port ta' Tripoli, kont ġejt intervistat fuq l-istazzjon tal-televisjoni Libjan 'Libya Alhurra' (li tfisser Free Libya). F'dik iż-żjara kelli laqgħat importanti mal-gvernatur tal-bank ċentrali.

Ta’ min wieħed issemmi li għalkemm jiena kont il-Libja bħala uffiċjal ta’ bank, però ħafna drabi kien ikolli opportunitajiet li nippromodi lil Malta fuq affarijiet li ma jkollhom x’jaqsmu xejn fil-linja finanzjarja. Għal din ir-raġuni kont inżomm ħafna viċin b’kuntatti kemm mal-ambaxxata Maltija, kif ukoll ma’ ħafna entitajiet governativi minn Malta.

Bdejt inżur l-ambaxxati waħda waħda, u ħafna mil-kumpaniji Maltin li kienu qed joperaw fil-Libya. F’temp qasir, il-kuntatti nista’ ngħid li leħqu il-livell ta’ qabel ir-revoluzjoni.
Però wara r-rivolta ta’ Lulju 2014, l-affarijiet bdew jinbidlu. Kont għamilt viżita f’Novembru ta’ l-istess sena fil-Libja, però wara, il-bank ħass li ma kelliex għalfejn ninżel iktar fil-Libja. Sa dak iż-żmien jien kont għadni inżomm kuntatt mal-Libjani min Malta. Madankollu, wara ftit taż-żmien ġejt trasferit ġo dipartiment ieħor b'responsabbiltajiet differenti. B’dan l-agir, il-kuntatti tiegħi bdew jintifu.

Barra minn dan kollu, kien hemm il-problemi tal-ħruġ tal-viża għal Malta. Din is-sitwazzjoni bdiet toħloq rabja fost il-poplu Libjan li ħafna minnhom għandhom il-flus li darba faddlu ġewwa Malta. Issa mingħajr uffiċċju fil-Libja u mingħajr viża biex jiġu Malta dawn il-Libjani li fosthom fost kienu hemm entitajiet governattivi u personalitajiet ta' profil għoli minn pożizzjonijiet differenti. Dawn bdew iħossuhom abandunati.

Bdejt ninduna ukoll s-sentiment tal-poplu Libjan in ġenerali huwa kontra Malta. Għal-Libjani kull azzjoni li titieħed kemm mill-bank, jew minn kwalunkwe kumpanija Maltija oħra bħal per eżempju Air Malta, jirriflettu tajjeb jew ħażin fuq il-Gvern u kull azzjoni li ttitieħed mill-Gvern jista’ jkollha riperkussjonijiet fuq il-kumpaniji Maltin. Mal-Libjani ma tistax tgħid għax hekk sewwa jew ħażin. Dak li hu impossibli jista’ jkun faċli u dak li hu dritt, taf ma tieħdu qatt. Il-pajjiż u dak li hu.

Għalhekk jien semmejt li din il-mistoqsija hija ħafna importanti. Jekk wieħed irrid jaħdem fil-Libja b’suċċess, irrid jaħseb bil-mentalità tagħhom.

Kien fil-bidu ta’ 2016 li erġajt bdejt niltaqa’ ma Libjani li jiġu Malta. Ħafna drabi il-kuntatti jridu jinbnew minn fuq kull livell u għalhekk Libjani li jiġu Malta bdejt niltaqgħa magħhom fuq bażi regolari. Dawn il-laqgħat barra li bdejt nibni kuntatti importanti, fosthom l-ajruport, banek, uffiċċju tat-taxxa, uffiċċju tal-immigrazjoni, ambaxxata Libjana f’Malta, xi membri parlamentari min Toubruk u ħafna kumpaniji kemm Maltin u Libjani, bdejt nieħu stampa iktar ċara tal-pożizzjoni fil-Libja.

Il-fatt li jien nitkellem il-mod u l-lingwaġġ tagħhom, tgħinni bil-kbir biex nibni il-kuntatti, u min naħa tagħhom iħosshom iktar komdi li jiltaqgħu miegħi.

**3.Tul dan iż-żmien ngħid sew li ma kellekx esperjenza fil-korp diplomatiku?**

Korrett.

**4.Tista' tiddikjara x'konflitti ta interess qed tara in vista tal-fatt li għamilt żmien twil sservi u tagħti s-sehem tieghek fl-aspett kummerċjali ma' bank kummerċjali?**

Ma nara l-ebda konflitt. Jekk niġi ikkonfermat fil-pożizzjoni ta' ambaxxatur, b'mod immedjat nitlob il-bank biex jilqa t-talba tiegħi għal waqfien mill-impjieg sakemm inkun qiegħed inservi lill-pajjiżna. Ma inħossx li ż-żmien li għamilt naħdem mal-bank fil-Libja għandu ikun ta' tfixkil, anzi nħoss li l-esperjenza li għandi fil-qasam finanzjarju jista' jgħin, kemm għax nifhem iktar il-problemi li jħabbtu magħhom kull min jagħmel xogħol fil-Libja u kemm għax is-sistema Libjani nista' nifimha u mdorri għaliha forsi ftit iktar minn ħaddieħor.

---